# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR GINO CAMILLERI LL D**

**Seduta tal-5 ta' Lulju 2002**

**Citazzjoni Numru 421/02 GC**

**Mary armla minn Lawrence sive Renzo Portanier Mifsud**

**vs**

**B.B. & B. Limited gia Edwin Bonello Interiors Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet:-

Illi hija propjetarja tal-fond "Mermark Showroom" Rue d'Argens Msida;

Illi permezz ta' skrittura privata tal-1 ta' April 1988 u skrittura ohra tat-28 ta' Frar 1997 l-attrici kriet lill-konvenut il-fond hawn fuq deskritt markati bhal dokumenti A u B;

Illi l-kirja miftehma hija ghal sittax il-sena li bdew jghaddu mill-1 ta' April 1988 u ghalhekk baqa' cirka sentejn u nofs mill-kirja originali biex tiskadi u ghalhekk b'konsegwenza l-guridizzjoni ghal-xoljiment tal-kirja huwa dak stipulat fl-Artikolu 755 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi il-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm6875 oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc dovut fuq il-kera ghall-periodu mill-1 ta' Ottubru 2000 sat-30 ta' Gunju 2002;

Illi ai termini tal-ligi galadarba l-konvenuti ma hallsux l-iskadenzi dovuti u baqghu moruzi nonostante li gew debitament interpellati b'ittri tad-29 ta' Novembru 2001 u tat-12 ta' Frar 2002 u b'ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002 hawn anessi u mmarkati bhal dokumenti C, D, u E ghalhekk hemm ksur ta' ftehim lokatizzju bejn il-partijiet u ghaldaqstant l-istess kirja ghandha titqies bhala xolta u l-konvenuti huma ghalhekk obbligati li jivvakaw il-fond de quo u jikkonsenjaw ic-cwievet tal-istess lill-attrici ai termini tal-ligi u cioe' tal-Artikolu 1570 tal-kap XVI;

Illi l-konvenut qed jittanta jissulloka l-fond in kwestjoni minkejja li huwa vjetat ai termini tal-iskrittura tal 1 ta' April 1988 u dan b'referenza ghal-klawsola (5) tal-istess skrittura u kif jirrizulta mir-ritratti dokumeni F, G u H u bi ksur tal-ligi;

Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu diversi drabi l-konvenuti pero' baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni valida x'taghti ghat-talbiet attrici u ghalhekk il-kawza tiasta' tigi deciza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Orginizzajoni u Procedura Civili;

Ghalhekk l-attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ai termini tal- Artikolu 167 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta'Malta u cioe bid-dispensa ghas-smigh tal-kawza:

1 tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici is-somma ta' Lm 6,875 oltre l-imghax legali mill-1 ta' Ottubru 2000 sat-30 ta' Gunju 2000 bhal kera tal-fond "Mermark Showroom". Rue d'Argens. Msida u dan skond skrittura hawn annessi u mmarkati bhal dokumenti A u B;

2 tiddkijara illi l-lokazzjoni de quo u cioe skond skrittura tal-1 ta' April 1988 u 28 ta' Frar 1997 ghal-fond "Mermark Showroom". Rue d'Argens. Msida iffirmata bejn il-partijiet bhala xolta ai termini tal-Artikolu 1570 tal-Kap XVI u ai termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni;

3 tordna lill-konvenut jivvaka l-fond de quo u jikkonsenja c-cwievet relattavi lill-attrici fi-zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri legali tad-29 ta' Novembru 2001, 12 ta' Frar 2002 u ittra ufficijali tat-28 ta' Frar 2002 u tal-mandat ta' sekwestru numru 733/2002 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attrici tixhed;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 2002;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkoilti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici is-somma ta' sitt elef tmien mija u hamsa u sebghin liri maltin (Lm6875) bl-imghax legali mill-1 ta' Ottubru 2000 bhal kera tal-fond "Mermark Showroom". Rue d'Argens. Msida; tiddkijara illi l-lokazzjoni in kwestjoni skond skrittura tal-1 ta' April 1988 u 28 ta' Frar 1997 bhala xolta u tordna lill-konvenut li jizgombra mill-istess fond u jikkonsenja c-cwievet relattavi lill-attrici fi zmien xahar millum;

Spejjes kollha kontra il-konvenuti;